**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 19 ta` Novembru 2020**

**Kawza Nru. 4**
**Rik. Gur. Nru. 426/2019 JZM**

**Maria Camilleri** (Karta ta`Identita Numru 0995549M)

***kontra***

**All Invest Company Limited** (C22239)

***u***

**Gottfried Catania personalment**
(Karta ta`Identita` Numru 131071M)

**Dan huwa provvediment dwar talba li ghamel il-konvenut Gottfried Catania fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2020 ghall-isfilz ta` dokumenti li pprezenta x-xhud Paul Bonello.**

**Il-Qorti :**

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2020, id-difensur tal-konvenut ghamel dan il-verbal :

*Dr Joseph Zammit ghall-konvenut Gottfried Catania jirrileva illi fir-rapport ipprezentat mill-perit ex parte Paul Bonello saret riferenza ghal siltiet minn xhieda illi l-istess Gottfried Catania ta quddiem tribunal u/jew bord u/jew Qorti u/jew arbitru. Aktar minn hekk l-istess rapport tas-Sur Bonello gew mehmuzin ukoll mieghu sentenzi, liema sentenzi skont l-istess Bonello jikkoncernaw direttament jew indirettament lil Gottfried Catania, konvenut f'din il-kawza.*

*Ghaldaqstant peress illi din in-naha ssostni illi tali siltiet u sentenzi huma ghal kollox estranji u barra mill-mertu ta' din il-kawza, u dan anke fl-ahjar interess tal-gustizzja, qed jintalab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tisfilza tali referenzi ossia siltiet tax-xhieda, flimkien mal-osservazzjonijiet dwarhom, u l-istess dwar is-sentenzi flimkien mal-osservazzjonijiet li saru dwarhom mill-istess perit ex parte.*

Rat illi fl-istess udjenza, id-difensuri tal-partijiet l-ohra talbu li jwiegbu fl-udjenza ta` wara.

Rat illi hija kellha tipprovdi dwar it-talba fi stadju ulterjuri wara li tiehu konjizzjoni tar-risposta tal-partijiet l-ohra fil-kawza.

Rat ir-rapport li pprezenta l-perit ex parte tal-attrici nkluz id-dokumenti.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta` Settembru 2020 it-talba tal-konvenut Catania kienet opposta mill-attrici waqt li l-konvenuta All Invest Company Limited assocjat ruhha mat-talba tal-konvenut Catania. L-attrici ghamlet dan il-verbal :

*Dr Testa jitlob illi jirregistra l-oppozizzjoni tieghu ghat-talba abbazi : a) fl-ewwel lok ghaliex it-talba kif inhi mhijiex cara ghal liema brani mir-rapport ta' Paul Bonello qed jintalab l-isfilz ; b) il-bazi legali mhux dikjarata tal-kontroparti ; c) kull ma inghad minn Paul Bonello jissodisfa l-vot tar-rilevanza ; u ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fil-waqt opportun tikkonsidra kull prova li jkollha quddiemha meta tigi biex tiddeciedi.*

Rat illi l-kawza thalliet ghall-udjenza tal-lum sabiex taghti provvediment dwar it-talba tal-konvenut Catania.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**<u>L-Art 558 tal-Kap 12</u>** ighid illi :

*Kull prova ghandha tkun rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet.*

**<u>L-Art 559 tal-Kap 12</u>** jiddisponi :

*Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*

L-**<u>Art 560(1) tal-Kap 12</u>** ighid illi :

*Il-qorti ghandha tichad li tingieb kull prova li jidhrilha li mhiex rilevanti jew li hija zejda, jew li jidhrilha li mhix l-ahjar prova li l-parti tista` ggib.*

**Jidher illi l-konvenut Catania qieghed isejjes it-talba tieghu fuq l-<u>Art 560(1) tal-Kap 12</u>**.

Fl-ambitu ta` l-Art 560(1) tal-Kap 12, il-qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha meta tigi biex tqis ir-rilevanza o meno ta` prova, jew meta tigi biex tara prova tkunx zejda nkella le, jew jekk prova tkunx l-ahjar wahda disponibbli nkella le. Bhala regola, il-mod kif qorti tezercita din id-diskrezzjoni mhuwiex sindakabbli minn qorti tat-tieni grad. (ara : Appell Inferjuri : **<u>Xuereb et vs Gauci et</u> :** 24/03/2004).

**Ikkunsidrat :**

Il-konvenut Catania talab l-isfilz ta` **xi** dokumenti li pprezenta l-espert *ex parte* tal-attrici, Paul Bonello, mar-rapport tieghu. Talab li l-isfilz ghandu jolqot : (a) siltiet minn xiehda ; (b) sentenzi li huma estranej ghall-mertu ta` din il-kawza ; u (c) osservazzjonijiet li ghamel l-espert *ex parte* kemm dwar dawk ix-xiehda kif ukoll dwar is-sentenzi.

Fit-talba, il-konvenut Catania **ma kienx specifiku** ghal liema dokumenti kien qed jirreferi.

**Dan premess, hija tal-fehma li fl-istadju li fih tinsab il-kawza, u cioe` meta l-provi attrici ghadhom mhux konkluzi, u fejn ghad iridu jinstemghu l-provi tal-konvenuti, ghandha tezercita kawtela u toqghod lura milli taghzel il-kwalita` ta` provi minn ohrajn, inkluz fejn si tratta ta` dokumenti.**

**Ghalhekk mhijiex sejra tordna l-isfilz li talab il-konvenut Catania.**

**Fl-istess waqt sejra taghmel dawn l-osservazzjonijiet li bihom ghandhom ikun gwidati l-partijiet fil-kors tal-gbir tal-provi** fil-kawza tal-lum :

**1.** L-ammissibilita` tal-provi fil-kuntest tal-Art 560(1) tal-Kap 12 tinghata l-piz li timmerita, wara li jkunu tressqu l-provi tal-partijiet kollha, u wara li l-partijiet jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom qabel il-kawza tithalla ghas-sentenza.

**2.** L-apprezzament tal-Qorti jsir fuq provi li huma ammissibbli. Kull prova hija ammissibbli jekk tkun rilevanti ghall-fatti in kwistjoni bejn il-partijiet.

**3.** Ghar-rigward ta` decizjonijiet, anke jekk moghtija minn *organi gudizzjarji jew quasi gudizzjarji ohra, ghandu jghodd mutatis mutandis* il-principju li kien applikat fi qrati civili taghna dwar il-producibbilita` ta` sentenzi moghtija fi qrati ta` gurisdizzjoni kriminali, u cioe` illi ma jidher li hemm xejn fil-ligi li jzomm milli tkun esebita f`kawza civili kopja ta' sentenza moghtija minn qorti ta` indole penali dwar l-istess fatti, b`dan illi jekk imbaghad id-dokument esebit, minhabba l-indipendenza ta' l-azzjoni civili mill-azzjoni kriminali, jistax jaghmel prova jew le hija kwistjoni ohra [PA – 28/01/2004 – **Carbonara pro et noe vs Ryan et** ; Appell Inferjuri – 12/05/2003 – **Scicluna vs Farrugia et**]

**<u>Provvediment</u>**

**It-talba tal-konvenut Catania kif saret fl-udjenza tat-3 ta` Marzu 2020 qeghda tkun respinta. Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**